MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 61/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Coleiro**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Coleiro talli gewwa l-Ghassa tal-Pulizija l-Qawra, nhar-it 22 ta’ Settembru 2000, halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti gurament;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 108(1)(a) u 688(d) tal-Kodici Kriminali, laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-imsemmi Christopher Coleiro tal-preskrizzjoni, u

ddikjarat l-azzjoni kriminali preskritta skond il-ligi u kwindi lliberatu minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-11 ta' Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minnflok tipprovdi u tiddeciedi li l-azzjoni kriminali mhix preskritta u tghaddi sabiex tiddeciedi l-mertu tal-kawza billi ssib lill-istess Christopher Coleiro hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrieh u jinghata piena adegwata;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens illi l-ewwel Qorti erronejament ikkonkludiet illi l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellat hi preskritta. L-appellant Avukat Generali jghid fl-ewwel lok illi l-piena applikabbli ghar-reat kontemplat fl-artikolu 108(1)(a) tal-Kodici Kriminali hija ta' prigunerija ghal perijodu minn erba' xhur sa sena. Ghalhekk il-perijodu preskrittiv huwa ta' hames snin a tenur tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali (u mhux il-paragrafu (f) kif indikat l-ewwel Qorti). L-appellant imbaghad jirreferi ghall-artikolu 691 tal-Kodici Kriminali li fis-subartikolu (1) jipprovdi, *inter alia*, li z-zmien tal-preskrizzjoni ghar-reati kontinwati jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi. L-appellant isostni illi f'dan il-kaz kien hemm reat kontinwat tul ghaxar snin bejn is-sena 2000 u s-sena 2010. Skond l-appellant, ir-reat kontinwat in kwistjoni beda fl-20 ta' Settembru 2000 meta l-appellat ghamel l-ewwel stqarrija fejn xjentement halef falz, u r-reat baqa' kontinwat sal-5 ta' Settembru 2010 meta l-apeplalt, fi stqarija ohra li huwa rrilaxxja u ffirma, ammetta li kien ta verzjoni fittizja u b'hekk halef il-falz fl-ewwel stqarrija u per konsegwenza sar maghruf ir-reat u l-hati.

**6.** Din il-Qorti tghid l-ewwelnett illi l-Avukat Generali m'ghandux ragun meta jghid illi hawn si tratta ta' reat kontinwat. Jezisti r-reat kontinwat (*continuous offence*) meta jkun hemm diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-

ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (art. 18 tal-Kodici Kriminali). F'dan il-kaz fit-22 ta' Settembru 2000 l-appellat kien ikkonferma bil-gurament stqarrija li kien ghamel lill-Pulizija quddiem l-espert nominat f'inkjesta magisterjali, il-Prof. Alfred Vella. Sussegwentement ikkonferma bil-gurament li ma kienx qal il-verita` kollha meta kien xehed fit-22 ta' Settembru 2000. Jigifieri l-att inkriminat kien wiehed, dak tat-22 ta' Settembru 2000, u ghalhekk ma jistax jitqies li hawn ghandna reat kontinwat skond l-imsemmi artikolu 18. Ghal kull bwon fini jinghad illi lanqas ma huwa l-kaz ta' reat permanenti (*continuing offence*), ghax ir-reat in kwistjoni huwa wiehed istantaneju.

**7.** Dwar liem'hu l-perijodu preskrittiv, filwaqt illi l-appellant jghid illi dan huwa a tenur tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali, l-appellat jghid li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ndikat il-paragrafu (f). F'dar-rigward l-appellant ghandu ragun. Il-paragrafu (f) jirrigwarda l-perijodu preskrittiv ghall-kontravvenzjonijiet, u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Ir-reat addebitat lill-appellat huwa dak kontemplat fl-artikolu 108(1) u l-piena dik kontemplata fil-paragrafu (a) ta' l-imsemmi artikolu 108(1), cioe` ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. Ghalhekk il-perijodu preskrittiv hu dak kontemplat fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni "bl-eghluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena".

**8.** L-Avukat Generali jirreferi wkoll ghall-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi illi z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf. Skond l-Avukat Generali, sar zball fis-sentenza appellata meta l-ewwel Qorti ghamlet prezunzjoni u stqarret li l-pulizija setghet tasal fl-investigazzjoni li l-appellat "kien qed jghid nofs verita`". L-appellat kien xhud dak iz-zmien f'kawza ohra u huwa dritt fundamentali ta' kull persuna li hadd ma jitressaq kapriccjozament ghaliex hemm suspett ta' "nofs verita`". Jghid li huwa dritt ta' kull xhud u kull individwu li jbiddel, ivarja, izid jew inaqqas il-verzjoni

tieghu, kemm dak li nghad verbalment kif ukoll dak miktub u guramentat. Imma certament mhuwiex dritt ta' hadd li fil-process ta' dan il-kambjament jiehu gurament falz jew jivzija li ssir il-gustizzja. Il-pulizija qatt ma kienu jafu sal-5 ta' Settembru 2010 li sehh dan ir-reat jew kienu jafu l-hati jew li fil-fatt dan ix-xhud kien halef falz, u b'hekk l-ewwel Qorti ma setghetx tinsinwa li setghu jafu meta dan mhux stat ta' fatt. Il-fatt principali li kellha toqghod fuqha l-Qorti kien il-fatt li l-hati sar maghruf meta rrilaxxja t-tieni stqarrija fil-5 ta' Settembru 2010. Jirreferi f'dar-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Magri** fis-6 ta' Mejju 2009. Konsegwentement l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma kellhiex tigi milqugha u l-ewwel Qorti kellha tipprocedi biex tezamina l-fatti tal-kaz.

**9.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi fil-kaz citat mill-Avukat Generali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Magri**, il-Pulizija ma kellhiex injoranza totali u oggettiva ta' l-ezekuzzjoni ta' reat maghmul minn terzi, mentri kellha injoranza kompleta u oggettiva tas-suspettat. Ghalhekk dak il-kaz mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

**10.** L-ewwel Qorti fil-fatt irreferiet ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri** moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001. Din il-Qorti sejra tirreferi wkoll ghal dak li jghid il-Professur Mamo[1]:

**"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.**

**"The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, <u>either because the commission of the offence is ignored</u>, or**

[1] Notes on Criminal Procedure, p. 33 – 34.

**because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664** [illum art. 692] **lays down that in respect of crimes … prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender….**

**"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.**

**"The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/41[2], because as the Court observed, the rule *'contra non valentem agree non currit praescriptio'* admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App.**

[2] Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet **Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro** deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407.

**Police v. Agius, 3/2/47).”** (sottolinear f’dan il-bran ta’ din il-Qorti)

**11.** F’dan il-kaz sar maghruf li sar reat kwazi ghaxar snin wara (fis-sena 2010), meta l-Pulizija setghet facilment tiskopri dan fil-kors ta’ l-investigazzjoni li kienet qed taghmel fis-sena 2000. Ghalhekk, fid-dawl tal-bran hawn fuq riprodott u fid-dawl tal-gurisprudenza citata, din il-Qorti ma tistax hlief taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti.[3]

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] “La prescrizione dell’azione penale incomincia a decorrere dal giorno in cui il reato fu commesso, tanto se fu subito conosciuto, quanto se rimase ignorato” (Cassaz. Di Napoli 17 aprile 1886 (Sezione unite), Ric. Fusco, Est. Ciollaro. *Giurispr. Pen.*, A. 1886, 426; *Legge*, A. 1886, II, 167, 213; *Racc. Bettini*, XXXVIII, 173) – Il Codice Penale per il Regno d’Italia Vol. Quarto, Giulio Crivellari Torino, Unione Tipografico – Editrice, 1892, para. 218 p. 616.V; “Il termine di prescrizione decorre anche se il reato sia rimasto occulto per un tempo”, Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, p. 492.